MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Numru 921/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**VS**

**AHMED ABDULLAH AL MAKE**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ahmed Abdullah Al Make, ta’ 24 sena, ta’ nazzjonalita’ Libjana,

iben Shaban u Fugra, imwieled Gharian fl-14 ta' Settembru 1978 u detentur ta' passaport numru 084640;

Talli matul l-ahhar xhur f'dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih;

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-istem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta' pubblika, jew li jkunu qeghdin that il-kustodja pubblika ukoll jekk dan sar bl-uzu ta' l-ghodda vera;

U aktar talli matul l-ahhar xhur, minghajr ma nghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess, minghand l-ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Wara illi rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikoli 189, 172, 176 tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imsemmi imputat ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tikkundanna lill-istess imputat ghal piena ta’ sena prigunerija u tordna li din is-sentenza ma’ tibdix issehh, hlief jekk matul il-perjodu ta- sentejn (2) mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur ta’ l-artikolu 28.

Din il-Qorti, qeghda wkoll tordna t-tkeccija immedjata ta’ l-imsemmi imputat minn dawn il-Gzejjer, a tenur ta’ l-artikoi 14 u 15.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------